MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 551/2009

**Tug Malta Limited (C 4594)**

**vs**

**Malta Shipping Limited (C 39990)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fil-5 ta' Gunju, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi s-socjeta' intimata hija debitrici versu s-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf mija sitta u sittin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€ 25,166.43), liema dejn huwa cert, likwidu u li ghalaq, rapprezentanti diversi servizzi rezi mis-socjeta' rikorrenti lis-socjeta' intimata fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar elfejn u sebgha (2007) u dan skond ma jirrizulta dettaljatament mill-annessa *invoice* annessa u markata bhala Dokument 'A' u

mill-affidavit ta' Raymond P. Miller – Chief Executive Officer tas-socjeta' rikorrenti hawn anness u markat bhala Dokument 'B'.

2. Illi s-socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi biex thallas dan l-ammont izda dan sar inutilment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

3. Illi safejn taf is-socjeta' rikorrenti, is-socjeta' intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra din it-talba.

Talbet li s-socjeta intimata tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u moghti kull provvediment opportun :

1. Tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond kif mahsub fl-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u in vista ta' l-affidavit ta' Raymond P. Miller, Chief Executive Officer tas-socjeta' rikorrenti (Dokument 'B');
2. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf mija sitta u sittin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€ 25,166.43) kif hawn fuq spjegat u;
3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf mija sitta u sittin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€ 25,166.43).

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali fl-ismijiet *Tug Malta Limited vs Malta Shipping Limited* datata 11 ta' Awwissu 2008 (2477/08) kontra s-socjeta' intimata li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Lulju, 2009 li permezz tieghu iddikjarat illi l-kawza ma setghetx tinstema bid-dispensa tas-smigh, kif provdut fl-Artikolu 167 tal-Kap. 12 u ordnat illi l-kawza issir fil-kors normali taghha u ppreffiggiet lis-socjeta' konvenuta t-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata biex tipprezenta ir-risposta taghha;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta risposta guramentata u b'hekk baqghet kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Raymond Miller ghas-socjeta' attrici, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009, jikkonferma bil-gurament illi s-socjeta' attrici sa dakinhar baqghet ma thallset xejn minghand is-socjeta' konvenuta;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, tiddeciedi billi tichad l-ewwel talba attrici u tilqa t-tieni u t-tielet talba attrici, kif dedotti fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf mija sitta u sittin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€ 25,166.43).

Bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra is-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------